# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 270/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Silvio Pace**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Silvio Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 477468M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-25 ta' Marzu 2017 ghall-habta tas-07:30hrs gewwa Xemxija limiti ta' San Pawl il-Bahar, Malta, ikkommetta serq tas-somma ta' madwar €4,000 ghad-detriment ta' Giuseppe Teuma u/jew persuni ohra u/jew entita/kumpanija ohra, liema serq huwa kkwalifikat

bil-valur ta' aktar minn € 2329.37 u bil-mezz. Art 261,263, 267 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Giuseppe Teuma u/jew persuni ohra u/jew entita/kumpanija ohra, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' €2,500. Art 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Mejju, 2017 li biha sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu sena prigunerija sospizi ghall-sentejn (2) in forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 kif ukoll ordnatlu li jirrestitwixxi l-ammont ta'€ 4,000 lill-parte civile fuq l-iskorta tal-Artikolu 28H tal-Kap 9;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Lulju, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi, (1) **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha

dedotti fil-konfront tieghu, u (2) **thassarha u tirrevokaha** fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena skont il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali u limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellat ghal-sentenza ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali wara li kien dikjarat recidiv u wara li instab hati li kkommetta reat fil-perjodu ta' probation;
2. Ezaminati l-atti processwali, din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra fit-tul dwar dak espost mill-Avukat Generali u tiddikjara minnufih illi ghandu ragun fl-appell tieghu. L-appellat kien rregistra ammissjoni inkondizzjonata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar serq bil-kwalifika tal-valur u hsara volontarja. Flimkien ma' dawn l-imputazzjonijiet, l-prosekuzzjoni ressqet l-addebitu tar-recidiva fit-termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll li l-appellat kiser il-kondizzjonijiet ta' Ordni ta' Probation moghtija fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446;
3. Din il-Qorti tosserva illi l-Avukat Generali ma huwiex qieghed jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma trattatx mal-appellat dwar il-ksur tal-ordni ta' probation. Dan il-fatt wahdu jipotizza zewg

problemi ghaliex l-artikolu 23 (1) u (3) tal-Kapitolu 446 jipprovdi illi:

*23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti - (a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation , l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata,* ***tista'*** *tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;"* u

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi trattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht* probation *b'ordni ta' servizz fil-komunita', jew b'ordni ta'* probation *u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata,* **il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)** (enfasi ta' din il-Qorti).

4. L-ewwel Qorti ma kellhiex ix-xelta titrattax jew le mal-hati ghal-ksur tal-ordni ta' probation ghaliex il-kelma "tista" f'dak il-kaz mhix wahda fakoltattiva izda tfisser biss li l-Qorti ghandha **s-setgha** li titratta mieghu. Dan l-argument illum il-gurnata huwa ezawrit u ma hemm l-ebda lok ghal kunsiderazzjonijiet diversi minn dawk maghmula mill-Qrati fosthom dik **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi** App Krim 549/2010. L-Avukat Generali izda mhux qed jappella minn nuqqas tal-ewwel Qorti li titratta mal-appellant ghal ksur tal-ordni ta' probation izda li tali ksur igib mieghu l-projbizzjoni tal-applikazzjoni tas-sentenza sospiza ex artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

5. L-ilment tal-Avukat Generali huwa radikat minn dak li jipprovdi s-subartikolu (7) tal-Artikolu appena msemmi li jghid:

**Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mil-kazijiet li gejjin –**

**(a) Meta l-ikkundannat ikun diga qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija;**

**(b) Meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50;**

**(c) Meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.**

6. Issa, oltre li l-appellat kien ammetta ghal-addebitu ta' recidiva fit-termini, *inter alia*, tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ezaminat il-fedina penali tieghu sabiex taccerta ruhha illi din l-ammissjoni, kwantu dan l-addebitu, mhix wahda erronja. Jirrizulta illi l-appellat huwa pluri recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 u li fis-16 ta' Novembru, 2016 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet qeghdet lill-appellat fuq Ordni ta' Probation ex artikolu 7 Kap 446, ghal perjodu ta' sentejn. Bil-kommissjoni ta' reat fil-25 ta' Marzu, 2017, isegwi ksur ta' dan l-Ordni kif ukoll jirrafiguraw iz-zewg elementi li kellhom jiprojbixxu lill-Qorti tal-Magistrati milli tapplika id-disposta tal-Artikolu 28A;

7. Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun akkolt u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata kwantu din sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena (1) sospizi ghall-sentejn (2) skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 u fejn ordnatlu jirristitwixxi l-ammont ta' €4000 lill-parte civile fuq l-iskorta tal-Artikolu 28H tal-istess Kap, u minflok, wara li qieset li t-tieni imputazzjoni hija mezz ghall-fini, tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) (piena mizjuda bi grad skond artikolu 50 Kap 9) .